# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2402

**Kaz Numru 3050/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Michael Agius (KI 115364 (M))**

**u**

**Tek-Moulds Precision Engineering Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Michael Agius fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-31 ta' Lulju, 2012, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma saritx ghal raguni tajba u suffcjenti skond il-ligi ghaliex fil-waqt illi r-raguni moghtija tindika '*redundancy*', din ma tirriflettix il-fatti. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret minhabba li r-rwol ta' '*foreman*' li kien jokkupa l-Appellant ma baqax necessarju u sostenibbli fi hdan il-kumpanija.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm erbatax-il seduta (14) fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi u bdil tac-*Chairperson* li kien qed jippresiedi dan it-Tribunal.

- **Rapprezentanza**

Michael Agius li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr. Mark A. Mifsud Cutajar.

Tek-Moulds Precision Eng. Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Kevin Busuttil assistit minn Dr. Maria Azzopardi u s-Sur Alfred Mallia Milanes.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata nhar l-1 ta' Lulju, 2008. Fl-*engagement form* tal-ETC huwa kien indikat bhala '*tool maker'*. Izda l-kumpanija tghid li sa mill-bidu kien fil-grad ta' *foreman.*
Nhar it-30 ta' Marzu, 2012, l-Appellant kien mgharraf mid-Direttur Generali tas-Socjeta' ntimata li kien ser jinhareg fuq '*leave*' bi hlas, dan wara perjodu ta' madwar sitt gimghat fuq '*certified sick leave'*.
Fl-4 t'April, 2012, huwa gie nfurmat permezz ta' ittra li l-impjieg tieghu kien gie terminat b'effett mit-2 t'April, 2012, bir-raguni tkun indikata bhala '*redundancy*'.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Kevin Busuttil** xehed illi huwa l-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata fejn ghandu 21% *share-holding* fiha. Ix-xhud qal li l-Appellant fil-bidu tar-relazzjoni tieghu mall-kumpanija kien impjegat *full-time* mall-Playmobil u *part-time tool-maker* maghhom, u wara qaleb ghall-*full-time* bhala *Foreman*. Ix-xhud qal li meta l-Appellant kien qaleb ghall-*full-time* x-xoghol kien zdied u anke l-impjegati kienu zdiedu. Spjega n-natura tax-xoghol li taghmel il-kumpanija u qal li din timpjega madwar 9 haddiema. Kompla li meta gie ngaggat fuq bazi *full-time* r-rwol tal-Appellant fil-kumpanija kien mill-ewwel dak ta' *Foreman*. Ix-xhud sahaq fuq dan minkejja li fid-dokumenti tal-ETC hemm indikat li l-Appellant kien gie ngaggat bhala *tool-maker*. Ix-xhud spjega fhiex kien jikkonsisti x-xoghol li kien jaghmel l-Appellant bhala *foreman,* fejn indika li sahansidra l-pakkett finanzjarju tieghu kien ahjar minn ta' *tool-maker*. F'dan ir-rigward ix-xhud spjega anke permezz ta' dokumenti li l-paga tal-Appellant kienet xi 160/165 Liri Maltin fil-gimgha, kellu ukoll €50 *mobile phone allowance* fix-xahar, *mobile phone*

tal-kumpanija, *private hospital scheme* (b'effett 4/8/10) u *bonus* ta' €100 ghal kull forma li kienet tohrog il-kumpanija.

Ix-xhud stqarr li dan il-pakkett remunerattiv kien igawdih biss l-Appellant propju ghaliex kien il-*Foreman* tal-kumpanija, u dan fil-waqt li huwa kien jithallas tas-sahra bhal kumplament tal-impjegati.
Ix-xhud qal li wara l-ingagg *full-time* tal-Appellant kienu gew ingaggati xi 5 *tool-makers* ohra. Ix-xhud stqarr li hadd mill-impjegati tal-kumpanija m'ghadhom kuntratt tax-xoghol bil-miktub.
Ix-xhud qal li kagun li kien naqas ix-xoghol, kien gie deciz li l-post ta' *Foreman* kien qed jigi abolit u r-rwol kien qed jassumija direttament hu. Ix-xhud stqarr li huwa qatt ma kien tkellem mall-Appellant li kien ser jigi issensjat qabel ma kienet inghatatlu l-ittra fejn kien gie infurmat li l-impjieg tieghu kien ser jigi mitmum. Qal ukoll li xi hames gimghat qabel l-ghoti ta' din l-ittra huwa kien ordna lill-Appellant johrog fuq *paid forced leave*, perjodu li kien ta' gimgha. Ix-xhud kompla li huwa kien ordnalu johrog bil-*forced leave* xi erba' gimghat wara li l-Appellant kien dahal minn *sick leave* pjuttost twil. Qal li recentament waqaf wiehed mit-*tool-makers* u *part-timer* u ma gewx rimpjazzati. Ix-xhud stqarr li huwa qatt ma offra lill-Appellant li minn *foreman* jitnizzel *tool-maker* minflok li jkun issensjat.
Spjega li x-xoghol kien beda jonqos sa minn Ottubru 2011, u li l-impjegati kienu konxji minn din is-sitwazzjoni. Spjega li sat-tielet kwart ta' dik is-sena l-kumpanija kienet ghadha qed tirregistra telf. Qal ukoll li t-*turnover* kemm fl-2011 u anke fl-2012 kien ta' madwar miljun Ewro.
Ix-xhud ta' dettalji ta' nvestimenti f'makkinarju li l-kumpanija ghamlet bejn l-2011/14, inkluz li giet imsaqqfa bitha. Dwar dan is-suggett huwa pprezenta u spjega dokumenti. Spjega li fl-2012 ma kienx inxtara makkinarju gdid. Ix-xhud stqarr li l-2012 kienet sena fejn il-kumpanija rregistrat *loss* u x-*shareholders* ma hadux *dividend*. Kienet is-sena fejn twaqqaf mix-xoghol l-appellant stqarr ix-xhud.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega d-differenza fix-xoghol li kien jaghmel l-Appellant meta mqabbel ma' ohrajn fil-grad ta' *Senior toolmakers*. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li qabel gie ssensjat l-Appellant huwa ma kienx offrielu xoghol iehor.
Ix-xhud sostna li fil-bidu ta' Novembru, 2012, huwa u l-P.A. tieghu Analise Cassar raw lill-Appellant il-Mosta jahdem f'*workshop* tal-inginerija.

**Analise Cassar** xehdet li hija tahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *Personal Assistant* tal-*Managing Director*. Spjegat li sa mill-bidu tal-impieg taghha mall-kumpanija, li kien ftit xhur wara l-Appellant, hija kienet taf

lill-Appellant bhala *Foreman* fejn kellu numru ta' *tool-makers* tahtu u kien jikkordina x-xoghol.
Qalet li meta kien ikun assenti l-*Managing Director* certu *queries* kienet taghmilhom lilu. Kompliet, li peress li hija kienet tahdem il-pagi tal-impjegati hija kienet taf li l-beneficcji li kellu l-Appellant kienu ahjar minn tal-impjegati l-ohra. Fil-waqt illi x-xhud ipprezentat *business card* tal-Appellant li kienet tindikah bhala *Foreman*, hija sostniet li l-Appellant kien jikkordina maghha l-assenzi tal-impjegati bhal *leave* u *sick-leave.*
Ix-xhud stqarret li meta twaqqaf mix-xoghol l-Appellant id-doveri tieghu beda jaghmilhom Kevin d-Direttur.
Ix-xhud temmet ix-xhieda taghha billi qalet li rat lill-Appellant jahdem gewwa garaxx partikolari.

**Louis Attard** xehed li huwa jiehu hsieb l-*accounts* tal-kumpanija fuq bazi *part-time.* Huwa ta spjegazzjoni ta' xogholu u kif jinhadmu l-kwotazzjonijiet tax-xoghol li jkun ser jigi ordnat.
Spjega li huma kienu jzidu l-ispejjez b'*mark-up margin* ta bejn 20-25%. Spjega li meta bdew jonqsu l-ordnijiet fejn il-*Managing Director* wera l-fehma li jnaqqas il-*mark-up*. Ix-xhud qal li kien ta' parir li jekk il-*mark-up* tinzel taht l-20% kien ser isir xoghol bit-telf. Spjega li l-figuri tal-2012 jindikaw li l-kumpanija ghalqet bit-telf, minkejja li kienet tnaqqset il-*mark-up*. F'dan il-mument ix-xhud ipprezenta *financial summaries* ghas-snin 2009 sa 2012 u qal li ser jipprezenta *order books* ghas-snin 2010 sa 2012.

**Joseph Saliba** *Executive Officer* tal-ETC fil-waqt li pprezenta dokument mitlub, xehed li d-dokument jinkludi d-dettalji tal-impjegati kollha li kienu registrati fuq il-Kumpanija mill-bidu li hija bdiet timpjega sa Novembru 2013. Spjega li f'dan id-dokumemt hemm indikati l-*engagement date* u t-*termination date* ta' kull impjegat.

**Paul Sultana** xehed li huwa ic-*Chief Financial Officer* tal-Playmobil Ltd. Spjega li s-Socjeta' ntimata taghmel xoghol lill-Playmobil. Dan jikkonsisti billi jaghmlulhom *moulds* godda, alterazzjonijiet fuq *moulds,* kif ukoll *repairs* fuqhom kif ikun mehtieg.
Qal li m'huwiex cert jekk hemmx xi kumpaniji ohra li jaghtu dan is-servizz lill-Playmobil, pero' wara li ghamel kuntatti necessarji qal li f'sena partikolari kien sar xoghol zghir li kien jikkonsisti f'xi zewg *moulds* jew wahda minn kumpanija ohra. Huwa kompla biex ta spjegazzjoni tal-ordnijiet

ta' xoghol li l-Playmobil ghamlet mas-Socjeta' ntimata bejn Lulju 2008 sa Ottubru 2012.

Mistoqsi jghid jekk l-ordnijiet ta' xoghol mas-Socjeta' ntimata fil-perjodu riferut kienux naqsu, x-xhud wiegeb li x-xoghol jonqos u jizdied matul iz-zmien pero' jekk tiehu l-bidu tal-perjodu rikjest mat-tmiem tieghu jindika li kien hemm zieda. Qal li sal-lum ir-relazzjoni ta' xoghol bejn iz-zewg kumpaniji ghada hemm.

**Mark Spiteri** xehed illi huwa *General Manager* tat-Toly Products Ltd. Huwa ta' spjegazzjoni dettaljata tal-ordnijiet li l-kumpanija tieghu tat lis-Socjeta' ntimata bejn Lulju 2008 u Ottubru 2012 spjega li kien hemm tnaqqis bejn l-2011 u 2012. Spjega li fil-mument xoghol fuq *moulds* qed isir minnhom stess.

**Franco Gatt** xehed li huwa rapprezentant tal-Actavis Ltd. Huwa ta spjegazzjoni ta' dokument li pprezenta u li jindika l-ordnijiet ta' xoghol li l-kumpanija tieghu tat lis-Socjeta' ntimata ghas snin 2011, 2012, 2013.

**Michael Agius** l-Appellant beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa qabad jahdem mas-Socjeta' ntimata f'Lulju 2008, fejn qabel kien maghha '*part-time'*. Spjega li qabel huwa kien jahdem mall-Playmobil fejn kien beda maghhom bhala *apprentice* fl-1980, fejn wara hadem ghal 9 snin, telaq u wara fl-2004 rega' hadem ghal 4 snin ohra. Qal li kien hajru d-Direttur Kevin Busuttil sabiex imur jahdem mas-Socjeta' ntimata. Kompla li minn mas-Socjeta' ntimata spicca f'Mejju 2012. Qal li kemm mall-Playmobil u anke mat-Tek Moulds hadem bhala *tool-maker*. Wara x-xhud ghadda sabiex jispjega b'mod tekniku x-xoghol li kien jaghmel mas-Socjeta' ntimata u semma ukoll xi klijenti li ghalihom kien isir xoghol, fejn indika li 90% tax-xoghol isir ghall-Playmobil. Ix-xhud qal li minn meta qabad jahdem maghhom huwa, x-xoghol mill-Playmobil baqa' jizdied b'mod konsiderevoli. Ix-xhud kompla li meta kien jahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *part-time* din kellha sitt impjegati u meta spicca din kienet thaddem 15 il-ruh, fejn fosthom huwa semma ismijiet ta' nies li kienu jaghmlu xoghol bhalu u cjoe ta' *tool-makers*, u li kienu gew ingaggati wara li huwa kien safa ssensjat .
Ix-xhud kompla billi qal li lejn Dicembru 2011/ Jannar 2012, id-Direttur Busuttil kien qallu li kienu wasslu xi lmenti min-naha tal-Playmobil dwar kwalita ta' xoghol. Ix-xhud qal li peress li kienu jkunu maghfusin b'certu

*datelines*, id-Direttur kien jesigi li x-xoghol ta' *moulds* jintbghat lill-Playmobil anke jekk ma kienux ikunu 100% lesti.

Ix-xhud meta kien qed jirreferi ghall-investiment gdid f'makkinarju li ghamlet il-kumnpanija fl-2011/12, qal li waqt l-ikla tal-Milied tal-2011, id-Direttur Busuttil kien qal li l-kumpanija kienet qed tikber u heggeg sabiex isir tkabbir anke fis-swieq barranin. Qal li fil-waqt illi meta qabad jahdem mall-kumpanija x-xoghol kien isir minn garaxx Kordin, ix-xoghol mexa ghall-fabbrika akbar gewwa Bulebel.

Ix-xhud qal li fit-13 ta' Frar, 2012, kien ghamel 10 t'ijiem l-isptar, fejn dam barra ghal madwar sitt gimghat. Spjega li gimghatejn qabel dahal lura ghax-xoghol, kienet giet organizzata ikla f'giehu sabiex isservi ta' nkorragiment fir-rigward tar-ritorn tieghu lejn ix-xoghol. Ix-xhud qal li xi ghaxar t'ijiem wara li dahal lura ghax-xoghol, gie avvicinat mid-Direttur fejn dan qallu sabiex johrog fuq '*forced leave*' bi hlas, sabiex jirkupra sahhtu ahjar.

Wara xi erba t'ijiem, ix-xhud qal li ircieva ittra mill-ETC li kienet tindika li huwa safa issensjat. Spjega li skont l-ahhar *payslip* huwa kellu €373 paga fil-gimgha. Stqarr li huwa dam 8 xhur wieqaf sakemm rega' qabad jahdem fl-istess linja ta' xoghol izda b'salarju ta' €265 fil-gimgha.

Ix-xhud irrakonta kaz li kien gara lejn l-ahhar tal-2010, meta huwa kien gie avvicinat minn certu Ronnie sabiex jiftah kumpanija, u wara xi 8 xhur d-Direttur Busuttil kien kellmu dwar dan l-avveniment fejn huwa rrisponda li kieku ried jaghmel pass bhal dan kien jaghmlu tmien xhur qabel. Qal li wara dan l-episodju Busuttil kien ghamel xi gimghatejn ma jkellmux u r-relazzjoni bejniethom ma baqietx tajba daqs kemm kienet qabel.

Ix-xhud fil-waqt li ma kkonfermax li huwa kien jaghmel xoghol ta' supervizjoni qal li peress illi x-xoghol tieghu kien l-ahhar stadju jekk kien ikun hemm xi haga mhux tajba kien ikun irid imur fuq minn hadem ix-xoghol sabiex jivverifika ghaliex ix-xoghol ma jkunx sar tajjeb.

Fir-rigward tal-*business cards* li kienu jindikaw li huwa *foreman*, ix-xhud qal li dawn kienu jintuzaw biss ghall-*hampers* tal-Milied. Minkejja dan it-titlu x-xhud sostna li huwa ma kellu xejn aktar minn kollegi bhalu.

Waqt il-kontro-ezami Dr. Maria Azzopardi elenkatlu numru ta' benefficcji (*mobile phone, health insurance etc*.) jew doveri (mili ta' karti tal-*leave* etc.) li skont il-kumpanija huwa kellu izda mpjegati ohra ma kellhomx. Fuq dawn id-dettalji l-Appellant ghamel xi spjegazzjonijiet.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Maria Azzopardi** ghan-nom tas-Socjeta’ ntimata bdiet billi qalet li l-impjieg tal-Appellant ntemm kagun ta’ *redundancy* u *abolition of post*. Hija spjegat li minkejja li fid-dokunentazzjoni tal-ETC l-Appellant kien registrat bhala tool-maker mill-provi mressqa mis-Socjeta’ ntimata waqt dan il-process kien indikat li huwa ma kienx semplici *tool-maker* izda *foreman*. Dr. Azzopardi sostniet li l-post ta’ *foreman* gie abolit b’rizultat ta’ *reorganisation* fil-kumpanija, fejn il-post u rwol kien dikjarat bhala li ma kienx ghadu necessarju. Hija kompliet li dan sar ghaliex il-kumpanija ma kienetx sejra tajjeb apparti li ma kienetx efficcjenti u ghaliex il-post kien ta’ piz fuq il-kumpanija. Hija sostniet li l-kumpanija hadet dan il-pass fl-obbligu taghha li tissalvagwardja l-interessi ta’ l-istess kumpanija.

**Dr. Mark Mifsud Cutajar** ghan-nom tal-Appellant beda billi qal li s-Socjeta’ ntimata sostniet li temmet l-impjieg tal-Appellant ‘a bazi’ ta’ *redundancy* u li t-tkeccija kienet gustifikata. Fejn allura, kompla Dr. Mifsud Cutajar il-kumpanija kellha tipprova li r-*redundancy* kienet ragunata u mehtiega. Dr. Mifsud Cutajar issokta billi sostna li l-kariga li kellu l-Appellant kienet ta’ tool-maker. Huwa sostna li fil-mankanza ta’ kuntratt tax-xoghol, minn kull dokumentazzjoni kemm tal-ETC u anke fid-database ta l-istess kumpanija l-Appellant huwa ndikat bhala *tool-maker*. L-avukat sostna li l-Appellant kien jaghmel doveri bhal kull *tool-maker* iehor, fejn ix-xoghol propju tieghu kien l-ahhar wiehed fil-production trail, fejn allura jekk ikun hemm xi difett maghmul minn xi hadd qablu huwa kien ser jinduna bih u jiehu l-passi necessarji. L-avukat sahaq li dan kollu pero’ ma jaghmlux foreman. Li gara sahaq l-avukat, li matul iz-zmien minhabba l-kapacitajiet lavorattivi tieghu kienu jirrilarjaw xi affarijiet fuqu. Dr. Mifsud Cutajar sahaq li pero’ dan l-intrigu zejjed ma kkancellalux r-rwol originali tieghu u ttrasformah fi klassi ohra. Tant, sahaq l-avukat li ma tezistix xi haga bil-miktub li tispjega l-*job description* tieghu bhala *foreman*. Titolu skond l-avukat li nghata gratwitament sabiex seta’ jinghad li kien hemm *abolishment of post*, u dan ghaliex kemm qabel ma’ l-Appellant safa mkecci u anke wara gew ingaggati *tool-makers*. Dr. Mifsud Cutajar wara ttratta l-andament ekonomiku tal-kumpanija fejn qal li minn mkien ma ntwera li din

kienet f'xi krizi finanzjarja, tant li l-*forecast* tal-kumpanija skond l-awdituri kienet '*in growth'*.

F'dan il-kuntest l-avukat irrefera ghall-investiment u l-espansjoni tal-*workplace*. Dr. Mifsud Cutajar sahaq li anke kieku ghas-sahha tal-argument kellu jkun accettat li l-Appellant kien foreman u allura li kieku kellu jkun accettat ukoll li, minhabba sitwazzjoni gravi kellu jigi redundant, allura ma persuna li giet deskritta bhala li 'seta' jahdem fuq kull magna' ma kellux ikun offrut *job* iehor anke b'paga anqas minflok sensja u dan meta ftit wara gie ngaggat *tool-maker* iehor.
Dr. Mifsud Cutajar semma kif l-Appellant qatt ma gie avzat li kien ser jigi ssensjat. Semma kif wara ftit granet li l-Appellant gie mibghut id-dar bl-leave imhallas mill-kumpanija sabiex jirkupra sahhtu wara perjodu twil fl-isptar jircievi ittra tas-sensja. U dan sahaq l-avukat sar ma' mpjegat li kien jaghmel xogholu sew.
Dwar l-*'abolition of post'*, Dr. Mifsud Cutajar sostna li dan ma kienx il-kaz ghaliex id-doveri li kien jaghmel l-Appellant kienu qeghdin jitwettqu minn haddiehor.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex kellu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar dan il-kaz, it-Tribunal kellu janalizza l-interpretazjonijiet kontrastanti taz-zewg partijiet tal-fatti kif sehhew u li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg 'in kwestjoni'.

Min-naha tas-Socjeta' ntimata tghid li minhabba sitwazzjoni ekonomika ghamlet ri-strutturar, fejn fost affarijiet ohrajn ir-rwol tal-Appellant bhala '*foreman*' giet abolita u konsegwenza ta' hekk l-Appellant safa *redundant*.

Min-naha tal-Appellant jghid li t-tmiem tal-impjieg tieghu gie definit bhala '*redundancy'* bhala skuza sabiex jigi mkecci. Huwa jsostni li qatt ma gie ngaggat bhala'*foreman*'u li l-ingagg tieghu kien bhala '*tool-maker'*. Jghid li wara li huwa safa ssensjat gew impjegati '*tool-makers'* ohra.

It-Tribunal beda biex analizza jekk il-fatti kif ipprezentati jiggustifikawx li l-impjieg gie mitmum minhabba '*redundancy*' ikkawzata minhabba s-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija. Dan kien mehtieg sabiex ikun accertat li r-raguni ta' '*redundancy*' ma kienetx qieghda tintuza bhala mezz

konvenjenti u rhis u li permezz tieghu tigi licenzjata persuna sgradita. U dan kif qed jingħad mill-Appellant li sehh f'dan il-kaz. Allura kien dover tat-Tribunal Industrijali li jitkixxef kif svolgew l-affarijiet biex ikun jista' jiddeciedi b'mod ekwu.
It-Tribunal wara ghadda sabiex xtarr sewwa dak mistqarr mill-istess Socjeta' ntimata li r-rwol ta' *Foreman* u cjoe l-grad li kien jokkupa l-Appellant kien gie abolit.

It-Tribunal kellu jikkunsidra wkoll l-argumenti dwar jekk il-grad li kellu l-Appellant kienx dak ta' *foreman* jew ta' *tool-maker*. Dan ghaliex seta' jimpingi fuq jekk ghal-finijiet ta' sensja gietx osservat l-principju tal-'*first in last out'*, kif sancit mill-Artikolu 36(4) tal-Kap 452.

Dwar ir-'*redundancy*', it-Tribunal analizza l-fatti kif gew prezentati sabiex jasal ghall-konkluzjoni jekk is-sitwazzjoni meta safa '*redundant'* l-Appellant kienetx wahda ta' krizi finanzjarja serja, jekk bdewx jitnaqqru l-assi tal-kumpanija, jekk il-kumpanija kienetx ghaddejja minn xi telfien drastiku ta' kuntratti ta' xoghol, kif inlaqtet il-'*work-force*' tal-kumpanija 'in generali' u jekk il-previzjonijiet ekonomici kienux qed jindikaw peggorament fis-sitwazzjoni. Il-konkluzjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward kienet li fil-perjodu li fih gie ssensjat l-Appellant u cjoe fl-ewwel tlett xhur tal-2012 seta' verament kien hemm '*slowdown*' fix-xoghol, sintomu mhux estranju fis-settur tal-manifattura. **Pero' s-sitwazzjoni ma kienetx wahda tant mwieghra li tikkostitwixxi raguni soda fejn kellu jigi ssensjat biss l-Appellant.** Fil-fatt skond ix-xhieda tad-Direttur, is-sena 2012 kienet l-unika sena li fiha l-azzjonisti ma hadux *dividend*. Dan it-Tribunal jishaq li *Employer* ghandu l-obbligu morali u socjali li javza minn qabel lid-dipendenti tieghu bl-intenzjoni li ser jitnaqqsu l-impjiegi minhabba ragunijiet ekonomici, u dan ghandu jaghmlu kemm jista jkun kmieni qabel jinghataw is-sensji. Xi haga li f'dan il-kaz ghal ragunijiet li tafhom biss s-Socjeta' ntimata ghazlet li ma taghmilx.

Fir-rigward tal-abolizzjoni tal-post tal-Appellant, matul il-process gie mistqarr diversi drabi min-naha tas-Socjeta' ntimata, li r-rwol li kien jaghmel l-Appellant qed issir mid-Direttur tal-kumpanija. Din mhi xejn ghajr ammissjoni cara li l-funzjoni li kien jaghmel l-Appellant kienet ghadha mehtiega u li x-xoghol li kien jaghmel, kien ghadu qed isir minn haddiehor, irrispettivament jekk dan huwiex Direttur jew impjegat iehor. **Dan it-Tribunal isostni b'fermezza li biex grad ikun dikjarat bhala abolit irid ikun ifisser li x-xoghol li kien isir minn dak il-grad ma baqax**

**mehtieg u ma baqax isir.** It-Tribunal jikkonkludi li fil-kaz ittrattat dawn il-kriterji kienu assenti.

Fuq il-konkluzjonijiet ta’ dawn iz-zewg punti t-Tribunal isib it-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-Appellant ma kienetx ghal raguni tajba u sufficcjenti.

Fl-analizi tieghu ta’ dawn iz-zewg punti t-Tribunal ma setax ma jikkunsidrax il-fatt li l-Appellant qatt ma nghata xi forma ta’ pre-avviz li l-impjieg tieghu jinsab serjament minaccjat minhabba li stat mwiegher li tinsab fih il-kumpanija.

Anzi ftit tal-gimghat qabel gie ssensjat, il-kumpanija organizzatlu ikla f’giehu sabiex isservi ta’ nkorragiment fir-rigward tar-ritorn tieghu lejn ix-xoghol wara perjodu li fih kien rikoverat fi sptar u xi ghaxart ijiem wara li dahal lura ghax-xoghol, intbaghat fuq *leave* specjali bi hlas, sabiex jirkupra sahhtu ahjar.

Tenut kont tal-fehma tat-Tribunal fuq iz-zewg punti ttrattati aktar qabel, dan it-Tribunal ma rax il-htiega li jidhol fil-mertu tal-kwistjoni ta’ xi grad li kien jokkupa l-Appellant appena dan gie ssensjat. Dan ghaliex it-Tribunal kien diga’ wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar jekk l-impjieg giex mitmum ghal raguni tajba u sufficcjenti.

Finalment it-Tribunal ma setax jifhem zewg affarijiet. L-ewwel, ghaliex is-Socjeta’ ntimata ma offrietx lill-Appellant xoghol iehor anke jekk b’kundizzjonijiet inferjuri minflok sensja minkejja li mhux biss kienet konxja kemm mill-hiliet tieghu izda anke fid-dawl tal-fatt li dan qatt ma kellu xi kaz ta’ dixxiplina fil-konfront tieghu. U t-tieni ghaliex fl-ittra tas-sensja l-Appellant gie mgharraf li ‘ *you are not allowed in the company and within its’ perimeters*’ frazi normalment uzata meta r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tkun abbinata ma’ xi ‘*gross misconduct*’.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f’dan il-process, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

F’din ic-cirkostanza, it-Tribunal qies iz-zmien li l-Appellant ghamel jahdem mas-Socjeta’ ntimata, kif ukoll il-potenzjal lavorattiv tieghu u jiffissa

l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €4,500. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**